# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Ġunju 2013**

**li tiffissa l-perijodu għat-tmien elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali**

(2013/299/UE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att tal-20 ta' Settembru tal-1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 78/639/Euratom, KEFA, KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tiffissa l-perijodu għall-ewwel elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ([3]), il-Kunsill iffissa l-perijodu għal din l-ewwel elezzjoni mis-7 sal-10 ta' Ġunju 1979.

(2) Jirriżulta li huwa impossibbli li t-tmien elezzjoni ssir matul il-perijodu korrispondenti tal-2014.

(3) Għaldaqstant għandu jiġi ddeterminat perijodu elettorali ieħor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali għandu jkun mit-22 sal-25 ta' Mejju 2014 għat-tmien elezzjoni

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. BRUTON

---

([1]) ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5. (mhux disponibbli bil-Malti)

([2]) Opinjoni tal-21 ta' Mejju 2013 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 205, 29.7.1978, p. 75. (mhux disponibbli bil-Malti)